MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 883/1995/1

**Patricia Sammut, mart Anthony Sammut f'isimha propju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' uliedhom minuri**
**Sarah Jane u Matthew, ahwa Sammut, u dana b'digriet tat-12 ta' Dicembru, 1995.**

**vs**

**Anthony Sammut**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Fl-4 ta’ Lulju 1995, Patricia Sammut f’isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta’ wliedha minuri Sarah Jane u Matthew ahwa Sammut, ipprezentat citazzjoni kontra zewgha, Anthony Sammut, quddiem l-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla. B’din ic-citazzjoni l-attrici talbet li tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha kif ukoll ghamlet diversi talbiet ohra konsegwenzjali fosthom dawk li tinghata l-kura u kustodja ta’ l-ulied minuri msemmija kif ukoll li zewgha jissoministralha retta alimentarja ghaliha u ghal uliedha u li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjigi tigi xolta, maqsuma u assenjata skond il-ligi.

2. It-talbiet ta’ l-attrici gew kontestati mill-konvenut permezz ta’ zewg Noti ta’ Eccezzjonijiet li jinsabu rispettivament fol. 18 u 27 *et seq.* tal-process.

3. Wara li l-partijiet resqu l-provi taghhom, il-kawza giet deciza mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-17 ta’ Gunju, 2002. Id-dispozittiv ta’ din is-sentenza jaqra hekk:

“Ghall-motivi premessi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

1. tilqa’ l-ewwel talba attrici, u konsegwentement tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti skond l-Artikolu 35(1) tal-Kodici Civili u dan minhabba sevizzi, minacci u ingurji gravi tal-konvenut versu martu kif ukoll versu uliedhom:
2. tilqa’ t-tieni talba attrici, u konsegwentement tafda l-kura l-kustodja tat-tfal tal-kontendenti – Sarah Jane u Matthew – lill-attrici, salv id-dritt ta’ access tal-konvenut skond kif provdut bid-digriet tal-11 ta’ April, 1997, u cioe` kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis bejn l-4.00 pm u l-5.30 pm, u nhar ta’ Erbgha bejn it-3.30 pm u l-5.00 pm, liema access ghandu jsir fid-dar “San Guzepp” Hospital Square, Zebbug (immexxija mis-Sorijiet Frangiskani); u salv kwalsiasi modifika fil-modalitajiet ta’ dan l-access li din il-Qorti jew is-Sekond Awla tal-Qorti Civili tista’ talvolta tordna fl-interess tal-minuri;

3. tilqa’ t-tielet talba attrici, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg ulied minuri s-somma ta’ hamsin lira (Lm50) fil-gimgha, pagabli bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici;
4. tilqa’ r-raba’ talba attrici, u konsegwentement tiddikjara li l-konvenut tilef (i) il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili, (ii) dak kollu li kiseb minghand l-attrici b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu, (iii) kull jedd ghan-nofs ta’ l-akkwisti li saru l-aktar bil-hidma ta’ l-attrici wara l-1 ta’ Gunju, 1993, u (iv) il-jedd li jgieghel lill-attrici, f’kull kaz, li taghtih il-manteniment bis-sahha ta’ l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;
5. tilqa’ l-hames talba attrici, u konsegwentement tordna li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva u, bla pregudizzju ghad-divizjoni (permezz ta’ gudizzju separat) ta’ proprjeta` ohra li talvolta tista’ tirrizulta li kienet tifforma parti minn din il-komunjoni ta’ l-akkwisti, tassenja (a) is-sett tal-banju, il-*kitchen cupboards* t’isfel, il-*washing machine* u l-*fridge* lill-attrici, filwaqt li tassenja (b) is-sett tal-kcina, il-*cooker* u t-*television* lill-konvenut;
6. tilqa’ s-sitt talba attrici, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha; u
7. tilqa’ s-seba’ talba attrici, u konsegwentement b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 55A(1) tal-Kodici Civili, tawtorizza lill-attrici sabiex tkompli tabita fid-dar matrimonjali, u cioe` f’numru 7, Triq Santu Rokku, Zebbug (Malta) flimkien ma’ uliedha, u ad eskluzzjoni mill-istess dar tal-konvenut.

L-ispejjez kollha ta’ din il-kawza, inkluzi dawk inkorsi quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

4. Ghall-kompletezza, kopja shiha ta’ din is-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-17 ta’ Gunju 2002, qeghdha tigi annessa ma’ l-odjerna sentenza bhala appendici biex tifforma parti integrali minnha, minhabba li

fiha hemm migbura dettaljatament it-talbiet ta’ l-attrici, l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenut, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi l-kawza bil-mod kif jidher fil-paragrafu precedenti.

**II. L-APPELL**

5. Il-konvenut hassu aggravat mid-decizjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk intavola appell minnha bis-segwenti aggravji:
“a) Illi t-tort tad-dizgwid bejn il-kontendenti mhux unikament dovut ghall-appellanti izda huwa dovut ukoll ghall-atteggjament verament ostili u egoistiku ta’ martu appellat;

b) Illi l-ewwel Qorti ma hadetx in konsiderazzjoni, meta ikkundannat lill-appellanti jhallas manteniment, l-istat finanzjarju fallimentari ta’ l-appellant li ma jippermettilux jaghmel dan;

c) Illi m’hemmx gustifikazzjoni bizzejjed ghad-dekadenza kkomminata fir-raba’ paragrafu tad-dispozittiv tas-sentenza mid-drittijiet civili kollha hemm specifikati;

d) Illi lanqas tidher ekwa id-divizjoni ta’ l-oggetti tad-dar imsemmija fil-hames paragrafu tad-dispozittiv tas-sentenza imsemmija;

e) Illi lanqas m’hija ekwa l-ordni kontenut fis-seba’ paragrafu tad-dispozittiv tas-sentenza appellata stante li l-appellant ma ghandux fejn joqghod u lanqas ghandu mezzi biex jakkwista dar ghalih, mentri d-dar matrimonjali hija divizibbli u tista’ b’hekk takkomoda konvenjentement kemm lill-appellant kif ukoll lill-appellata u l-familja;

f) Illi m’hemmx gustifikazzjoni biex l-ispejjez kollha jigu akkollati lill-appellanti meta l-appellata ghandha parti mit-tort.”

6. L-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti, tiddikjara li t-tort ta’ din il-

firda huwa taz-zewg kontendenti, u billi filwaqt li tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal Sarah Jane u Matthew, ahwa Sammut, lill-appellata, timmodifika t-termini ta' l-access ghalihom mill-appellant. *Inoltre* l-appellant talab li din l-Qorti joghgobha tirrevoka il-provvedimenti l-ohra kollha moghtija fl-imsemmija sentenza u tibdilhom b'decizjoni aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz id-decizjoni dwar l-ispejjez li ghandhom jigu sopportati miz-zewg kontendenti.

7. L-appellata ma pprezentat l-ebda risposta bil-miktub ghal dan l-appell. Madanakollu, hija dehret flimkien ma' l-avukat taghha fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2003, fejn gie rilevat li s-sentenza appellata kienet gusta u kellha tigi konfermata.

## III. ACCERTAMENTI LI SARU FIL-MORI TA' L-APPELL

8. Fis-seduta mizmuma minn din il-Qorti fis-26 ta' Marzu 2003 gie stabbilit:
a) li t-tifla Sarah Jane ser taghlaq tmintax-il sena fis-17 ta' Settembru 2003, kif ukoll fil-prezent li hija studenta fit-tieni sena fil-*Junior College* bi hsiebha tkompli tavvanza fl-istudji taghha. Hija tircievi stipendju ta' Lm40.00 (erbghin Lira Maltin) fix-xahar izda ma tircievi l-ebda *children's allowance*.
b) li t-tifel Matthew se jaghlaq erbatax-il sena f'April 2003. Bhalissa jattendi skola sekondarja u qieghed fil-*Form III* u l-appellata tircievi *children's allowance*. L-appellata obbligat ruhha li, fi zmien tliet gimghat, tipprezenta nota fejn tindika ezattament l-ammont ta *children's allowance* li hija tircievi ghar-rigward ta' dan il-minuri.

9. Billi din il-Qorti dehrilha li biex taghmel gustizzja sostanzjali kien jehtieg li jsir aggornament tad-dettalji l-aktar saljenti tal-kaz, hija ppermettiet li jinstemghu l-kontendenti. Fil-fatt, ittiehdet id-deposizzjoni taghhom fl-istess seduta tas-26 ta' Marzu, 2003. Jirrizulta mill-istess verbal li l-appellant obbliga ruhu li fi zmien tliet gimghat jipprezenta nota li fiha jaghti d-dettalji tad-dejn allegat minnu waqt li kien qieghed jixhed kif ukoll dettalji ta' l-introjtu tieghu ta' l-ahhar sentejn, korroborati b'dokumenti.

Jirrizulta mill-istess verbal li l-appellant accetta u ddikjara li mis-sena 1994 sas-sena 2002 huwa ma hallasx il-manteniment ridott kif stabbilit mill-Onorabbli Qorti Civili Sekond Awla. Dakinhar stess id-difensuri tal-partijiet ittrattaw oralment u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

10. Il-Qorti tosserva li l-appellant m' ottemperax ruhu ma' l-obbligu assunt minnu fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2003 billi ma pprezenta l-ebda nota li bid-dettalji tad-dejn allegat minnu waqt li kien qieghed jixhed f'dik l-istess udjenza. Huwa naqas ukoll li jipprezenta d-dettalji ta' l-introjtu tieghu ta' l-ahhar sentejn flimkien ma' dokumenti korroborattivi. Mill-banda l-ohra l-appellata ottemperat ruhha ma' l-obbligu assunt minnha fl-istess udjenza, u cioe` dak li taghti indikazzjoni tal-konsistenza tac-*children's allowance* li hija kienet qed tippercepixxi dwar il-minuri binha Matthew. In fatti a fol. 257 u 258 tal-process hemm prezentat dokument mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li juri li l-appellata bejn l-4 ta' Jannar 2003 u l-4 ta' April 2003 hija ppercepiet l-ammont ta' disghin Lira Maltin u disa' centezmi (Lm90.09c) mill-istess Dipartiment bhala *children's allowance*.

11. Mix-xhieda li l-appellata tat quddiem din il-Qorti jirrizulta li hija tahdem bhala ghalliema fi skola privata Garendon School mit-8.30am sas-1.00pm kuljum u dan ghal hamest ijiem fil-gimgha. Hija taqla' madwar tliet mija u erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm344.00) fix-xahar bhala salarju ghal dan ix-xoghol ta' ghalliema. Hija xehdet li lil uliedha kienet qeghdha tmantnihom hija biss ghaliex l-appellat qatt ma hallas il-manteniment ordnat mill-Qorti. Ziedet tghid li l-ispejjez kollha konnessi ma' l-edukazzjoni tat-tfal kienet thallashom hija biss u li zewgha qatt ma xtralhom in-neccessitajiet tal-hajja u lanqas biss kien jaghtihom rigali fil-Milied u fil-jiem ta' gheluq sninhom. Temmet tghid li zewgha l-appellant ma kienx jara lit-tfal. Fil-fatt huwa kien ilu ma jarhom xi sitt snin.

12. Quddiem din il-Qorti xehed ukoll l-appellant Anthony Sammut. Huwa qal li qabel kien jahdem ghal rasu bhala bennej, izda madwar xi sentejn 'l hawn, huwa jahdem bhala impjegat ma' kuntrattur. Dawn l-ahhar sentejn kien

jaqla’ madwar sebghin Lira Maltin (Lm70.00) fil-gimgha. Huwa enfasizza li ta’ sikwit ma kienx jaghmel gimgha shiha fuq ix-xoghol ghaliex kien ibati mill-artrite kif ukoll baqa’ jsofri l-konsegwenzi ta’ meta kien kiser saqajh zmien twil ilu. Xehed ukoll li kellu jaghti s-somma ta’ madwar hamest elef lira Maltin (Lm5,000) lil persuna li fornietu konkos meta kien jahdem ghal rasu. Huwa ma ta l-ebda dettalji ta’ din il-persuna u ghalkemm qal fix-xhieda tieghu li se jgib il-karti u pprezentahom, huwa baqa’ ma ghamel xejn minn dan. Stqarr ukoll li huwa qatt ma semma dan id-dejn fil-pendenza tal-kawza waqt li din kienet ghadha fil-Prim Istanza. Xehed li martu tghix fid-dar matrimonjali izda hu jghix go kamra f’ghalqa li hija proprjeta` ta’ missieru. Qal ukoll li s-saqaf ser jaqa’ fuqu.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

13. Bl-ewwel aggravju tieghu l-appellant qieghed isostni li z-zwieg ma tfarrakx unikament b’responsabbilta` tieghu izda wkoll minhabba l-atteggjament ostili u egoistiku ta’ martu l-appellata. Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi kollha li tressqu fil-kawza u ma sabet l-ebda raguni, u wisq anqas xi raguni gravi, li minhabba fiha ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti. Din il-Qorti ma thossx in-neccessita` li terga’ tirrepeti jew tirreapiloga il-provi kollha li ngabru dwar dan l-aspett tal-kawza, cioe`, r-raguni ghaliex iz-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak. Dan billi l-kummenti u r-rimarki li hemm fis-sentenza appellata huma sostanzjalment korretti u din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tahli zmien f’repetizzjonijiet inutli. Konsegwentement din il-Qorti sejra tikkonferma l-akkoljiment li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti ta’ l-ewwel talba ta’ l-attrici, u cioe`, il-pronunzjament tal-firda personali tal-kontendenti, u dan b’responsabbilta` tal-konvenut illum appellant.

14. It-tieni aggravju ta’ l-appellant jikkonsisti fl-ilment li meta l-ewwel Qorti kkundannatu li jhallas il-manteniment ta’ hamsin Lira (Lm50.00) fil-gimgha ghaz-zewgt uliedu minuri, l-istess l-ewwel Onorabbli Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-istat finanzjarju fallimentari ta’ l-appellant li ma jippermettilux li jaghmel il-hlas li ghalih gie

kkundannat fis-sentenza appellata. Minn qari ta’ l-ahhar paragrafu tar-rikors ta’ l-appell, jirrizulta li l-appellant m’huwiex qieghed jikkontesta l-fatt li l-kura u l-kustodja ta’ ulied il-kontendenti kellha tigi assenjata lill-appellata, izda huwa qieghed jikkontesta il *quantum* tal-manteniment likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti. Ta’ min izid hawn ukoll li l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha timmodifika t-termini ta’ l-access ghall-minuri ghalkemm ma specifikax b’liema mod dan ghandu jsir.

15. Ghall-pratticita`, din il-Qorti sejra titratta l-aggravji ta’ l-appellant fil-konfront tat-tieni u t-tielet talba ta’ l-attrici flimkien. Ghandu mill-ewwel jinghad li t-tifla tal-kontendenti Sarah Jane m’ghadhiex minorenni ghaliex illum il-gurnata hija ghalqet id-dsatax (19)-il sena. Dan il-fatt igib bhala konsegwenza legali li l-provvedimenti kollha li jinghataw fis-sentenza appellata fil-konfront ta’ din it-tfajla, u cioe`, dawk li jittrattaw dwar il-kura kustodja, access u l-alimenti, illum certament ma baqax aktar lok ghalihom. Ghaldaqstant is-sentenza appellata trid tigi riformata biex tirrifletti dan l-izvilupp li sar fil-mori tal-kawza.

16. It-tifel Matthew, illum ghandu hmistax-il sena maghluqa. Irrizulta li t-tifel minn dejjem trabba minn ommu u li ghal dawn l-ahhar snin kienet ommu l-appellata biss li hasbet li tipprovdi ghall-bzonnijiet kollha tieghu. Irrizulta li missieru, l-appellant, qatt ma hallas il-manteniment ordnat mill-Qorti kif ukoll ilu ma jara lil dan ibnu ghal aktar minn sitt snin, u dan minkejja li kien hemm provvediment tal-Qorti li jintitolah ghall-access. Minhabba dawn ic-cirkostanzi importanti li ghadhom kif issemmew kif ukoll ic-cirkostanza l-ohra serja li tissemma fil-paragrafu tal-hames pagna tas-sentenza appellata, din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tikkonferma t-termini ta’ l-access provdut fis-sentenza appellata fil-konfront ta' dan il-minuri Matthew favur l-appellant. Din il-Qorti jidhrilha li ladarba l-appellant dehrlu li kellu jaqta’ kull kuntatt ma’ ibnu u partikolarment naqas li jarah aktar minn sitt snin, allura jsegwi li ma jaghmel l-ebda sens la legali u lanqas prattiku li din il-Qorti tordna li jkompli jkollu access ghal

ibnu, li llum il-gurnata ghandu eta` bizzejjed, biex jekk irid, jiehu certi inizjattivi huwa stess.

17. Din il-Qorti ghalhekk sejra tikkonferma li l-appellata ghandu jkollha l-kura u l-kustodja ta’ dan binha Matthew. Pero` din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tipprovdi ghall-access ta’ l-appellant fil-konfront ta’ dan il-minuri f’din il-kawza u fuq il-bazi tar-rizultanzi processwali, minhabba li mhix sodisfatta li tali access jista’ jkun fl-ahjar interess ta’ l-istess minuri u dana ghal ragunijiet li jissemmew fil-paragrafu precedenti.

18. Din il-Qorti sejra tikkonferma d-decizjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti li ma kkundannatx lill-konvenut li jhallas retta alimentari lill-attrici ghaliha proprju. Dan billi jirrizulta ampjament li l-attrici hija mara biezla li b’hilitha u b’xogholha kisbet l-indipendenza finanzjarja taghha biex b’hekk setghet trabbi lil uliedha filwaqt li zewgha l-appellant ghogbu jaghzel triq u mod ta’ hajja differenti.

19. L-ewwel Onorabbli Qorti, bis-sentenza appellata kienet ikkundannat lill-konvenut li jhallas lill-attrici bhala manteniment taz-zewg uliedha minuri s-somma ta’ hamsin Lira (Lm50.00) fil-gimgha. L-appellant, kif rajna hassu aggravat minn din id-decizjoni ghax sostna li l-istat finanzjarju tieghu ma kienx jippermettilu li jghamel dawn il-hlasijiet. Din il-Qorti wara li ezaminat akkuratament ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidhrilha li l-ammont ta’ aliment likwidat mill-ewwel Qorti ghandu jigi ridott. Dan ghaliex fl-ewwel lok it-tifla Sarah Jane saret maggorenni fis-17 ta’ Settembru 2003 u fit-tieni lok ghaliex minn dak li irrizulta, is-sitwazzjoni finanzjarja ta’ l-appellant ftit li xejn tippermettilu li jhallas is-somma likwidata mill-ewwel Onorabbli Qorti. Din il-Qorti qieset ukoll il-fatt li l-attrici appellata u wliedha jghixu fid-dar matrimonjali, mentri skond ix-xhieda mhux kontradetta ta’ l-appellat, huwa jghix f’kamra f’ghalqa. Fic-cirkostanzi, l-Qorti wara li qieset id-dhul ta’ l-appellata jidhrilha li jkun gust u ekwu li l-appellant jikkontribwixxi l-ammont ta’ hmistax-il Lira (Lm15) fil-gimgha bhala retta alimentari ghal dan il-minuri.

20. L-appellant hassu aggravat b'dak li s-sentenza appellata ddisponiet fir-raba' paragrafu tad-dispozittiv taghha, u cioe`, fejn ikkomminat id-dekadenza ta' l-appellant mid-drittijiet civili kollha hemm specifikati. Illi din il-Qorti wara li ezaminat akkuratament il-provi prodotti ma tarax li ghandha tvarja xejn mid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-konfront ta' dawn id-drittijiet tal-konvenut. Dan ghaliex ma gie ippruvat l-ebda mottiv gravi b'mod sodisfacenti, biex dan jista' jkun permess.

21. L-appellant ilmenta wkoll li d-divizjoni ta' l-oggetti tad-dar imsemmijin fil-hames paragrafu tad-dispozittiv tas-sentenza appellata ma kienitx ekwa. Anke fir-rigward ta' dan l-ilment ta' l-appellant, din il-Qorti wara li ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fil-process, ma tarax li hemm xi mottiv gravi li a bazi tieghu ghandha tiddisturba l-apprezzament u d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Onorabbli Qorti.

22. L-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li ma kienitx gusta l-ordni kontenuta fis-seba' paragrafu tad-dispozittiv tas-sentenza appellata minhabba li l-appellant ma kellux dar fejn joqghod u lanqas kellu l-mezzi biex jakkwista post ghalih, mentri d-dar matrimonjali hija divizibbli u tista' b'hekk takkomoda konvenjentament kemm lill-appellant kif ukoll lill-appellata u uliedhom.

23. B'rizerva ta' dak li sejjer jinghad aktar 'il quddiem din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-aggravju ta' l-appellant huwa gustifikat. Din il-Qorti qieset il-fatt li l-art fejn inbniet id-dar konjugali kienet parafernali ta' l-appellata. Qieset ukoll li d-dar li kienet originarjament inxtrat mill-attrici qabel iz-zwieg, kienet giet demolita bil-hidma ta' l-appellant, li sussegwentement ukoll bena d-dar matrimonjali minflokha. L-appellant gustament jippretendi li huwa ghandu kreditu favur il-komunjoni ghall-ispejjez tal-materjal li ntuza biex inbniet din id-dar kif ukoll ghall-hidma tieghu li ghamel biex ghamel dawn ix-xogholijiet fuq id-dar matrimonjali. Din il-Qorti tinnota li l-provi li ressaq il-konvenut tista' tghid li qatt ma kienu precizi. Infatt huwa qatt ma illikwida s-somma li kien qed jippretendi li hija dovuta lejh jew b'xi mod ressaq xi dokumenti ta'

korroborazzjoni. *In oltre* din il-Qorti qieset ukoll li l-appellant qatt ma jidher li ha bis-serjeta` l-obbligu tieghu li jmantni lil uliedu, tant li jirrizulta li d-digrieti li bihom huwa gie ikkundannat li jhallas retta alimentari ghal uliedu tista' tghid li dejjem gew injorati minnu. Qieset ukoll li l-appellant ghamel id-dejn ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) u l-appellata kienet ikkuntentat li taghmel garanzija bid-dar matrimonjali ghal dan id-dejn. Irrizulta li dan id-dejn qatt ma thallas u li l-appellata kellha tiehu mizuri biex id-dar matrimonjali ma tinbieghx fis-subbasta mill-kreditur ta' l-appellant. Jidher li biex il-kwistjonijiet ta' bejn il-kontendenti jinqatghu b'certa gustizzja salamonika, wiehed jista' jqis li l-kreditu li l-appellant jippretendi li ghandu favur il-komunjoni ghall-ispejjez u ghax-xoghol li ghamel fid-dar matrimonjali, jista' jigi kompensat mad-debitu li huwa ghandu favur l-attrici inkwantu huwa ma hallasx il-manteniment ordnat bid-digrieti tal-Qorti. Din il-Qorti jidhrilha wkoll li f'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet gusta meta awtorizzat lill-attrici sabiex tkompli tabita fid-dar matrimonjali, u cioe`, f'numru 7, Triq Santu Rokku, Haz-Zebbug, Malta, flimkien ma' wliedha, u dan ad eskluzjoni tal-konvenut mill-istess dar.

24. L-appellant fl-ahharnett ilmenta li ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni biex l-ispejjez kollha jigu allokati lill-appellant meta l-appellata ghandha parti mit-tort. Anke dan l-aggravju, din il-Qorti mhix sejra tilqghu billi diga` ddecidiet li r-responsabbilta` tat-tfarrik ta' dan iz-zwieg kienet unikament tal-konvenut appellant.

25. Ghal dawn il-motivi tilqa' in parti l-appell ta' l-appellant fis-sens fuq premess u konsegwentement:

Fl-ewwel lok, tikkonferma l-ordnijiet li tat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kontenuti fl-ewwel, ir-raba', il-hames, is-sitta u s-seba' paragrafu tad-dispozittiv tas-sentenza appellata; fit-tieni lok tirriforma l-ordnijiet kontenuti fit-tieni u fit-tielet paragrafu tad-dispozittiv tas-sentenza appellata billi tastjeni li tiehu aktar konjizzjoni tat-talba ta' l-attrici ghall-kura u kustodja tat-tifla Sarah Jane u ghal kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' retta alimentari fil-konfront ta' din it-tfajla billi hija fil-mori ta' l-appell saret maggorenni.

Fil-konfront tat-tifel Matthew, tikkonferma l-ordni li tat l-ewwel Qorti fis-sens li l-kura u l-kustodja ta' dan il-minuri ghandha tkun assenjata lill-attrici, izda tirriformaha inkwantu ipprovdiet l-access favur l-appellant bil-kundizzjonijiet msemmija fis-sentenza appellata, billi ghar-ragunijiet esposti aktar qabel u *rebus sic stantibus*, ma tarax li ghandu jkun hemm tali access. Fl-ahharnett tirriforma s-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg minuri s-somma ta' hamsin Lira (Lm50.00) fil-gimgha pagabbli bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici u minflok tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Matthew, is-somma ta' hmistax-il Lira (Lm15.00) fil-gimgha pagabbli bil-quddiem, fir-residenza ta' l-istess attrici.

L-ispejjez kollha inkorsi, kemm quddiem l-Onorabbli Qorti Civili Sekond Awla, kif ukoll quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u anki fl-istadju ta' l-Appell ghandhom jigu kollha sopportati mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------